# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 16 ta' Mejju 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 304/2023 JPG**
**Kawza nru.: 21**

**MC**
**Vs**
**CCG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur datat 26 ta' Mejju 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar l-erbgha (4) ta' Novembru 2006 gewwa l-Parocca tal-Balluta f'Tas-Sliema (hekk kif indikat fic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A), u minn dan iz-zwieg tieldu zewg ulied, KCG u NCG, li ghadhom minorenni (certifikati tat-twelid annessi u mmarkati bhala Dokument B u Dokument C rispettivament).*

2. *Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat tnax (12) ta' Lulju 2022, fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Micallef, il-partijiet kienu xoljew il-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom (kuntratt anness u mmakrat bhala Dokument D). B'hekk gie sodisfatt Artikolu 66B(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi hekk kif jitlob Artikolu 66B(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

4. *Illi kif jirrixulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet kienu irrinunzjaw ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin. Filwaqt li qablu li l-esponenti ghandu jivversa lill-intimata s-somma ta' €200 fix-xahr ghall kull wild, bhala manteniment, li jinkludi l-ispejjez ta' edukazzjoni, sahha ghall kull wild, eskluz spejjez li jinkorru f'cirkostanzi straordinarji. Dan il-manteniment qieghed jithallas regolarment u l-esponenti jiddikjara li ma hemm ebda arretrati dovuti lill-intimata fir-rigward. B'hekk Artikolu 66B(d) gie sodisfatt ukoll;*

5. *Illi ghalhekk il-kriterji imposti mill-Ligi ghall-ottjeniment tad-divorzju taht Artikolu 66B huma sodisfatti;*

6. *Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors l-esponenti qieghed jannetti l-affidavit tieghu stess fejn qieghed jikkonferma, l-fatt suesposti personalment, immarkat bhala Dokument E;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jekk jogħġobha tghaddi sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet ai termini ta' Artikolu 66C.*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet ai termini ta' Artikolu 66A(40 biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-konvenuta dehret assistita mill-avukat difensur taghha u ddikjarat li ma ntavolatx risposta ghax mhux qed toggezjona ghad-divorzju (Vide Fol 37).

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 37)

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed (vide affidavit fol 24)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar l-4 ta' Novembru 2006 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, li ghadhom minorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntrat datat 12 ta' Lulju 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Micallef. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni, kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet (vide Fol 38)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux***

*flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-4 ta' Novembru 2006 liema zwieg jgib certifikat numru 2119/2006 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Micallef nhar it-12 ta' Lulju 2022 (Vide fol 6 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2119/2006 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**